**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

> **"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.**
>
> **Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."**

**BirdLife Malta [V.O./0052]**

*kontra*

**Il-Ministru ghall-Ambjent, l-Energija u l-Intrapriza,**

**Is-Segretarju Permanenti – Ministeru ghall-Ambjent, l-Energija u l-Intrapriza,**

**Il-Ministru ghal Ghawdex,**

**Is-Segretarju Permanenti – Ministeru ta' Ghawdex,**

**Awtorita għar-Rizorsi u Ambjent,**

**L-Avukat tal-iStat**

**Rikors guramentat ta' BirdLife Malta [V.O./0052]**

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:*

1. Illi l-esponenti hija organizzazzjoni volontarja li ghandha bhala vokazzjoni l-protezzjoni tal-ambjent u l-konservazzjoni tal-popolazzjoni ta' ghasafar f'Malta;

2. Illi fit-8 ta' April 2022, gie ppromulgat l-Avviz Legali 116 tal-2022, imsejjah *Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (dikjarazzjoni dwar deroga ghal stagun tal-kacca fir-rebbiegha tal-2022 ghall-gamiem u s-summien)*, li fetah l-istagun tal-kacca fir-Rebbiegha fuq il-gamiem bejn is-17 ta' April u t-30 ta' April 2022;

3. Illi dan sar in vjolazzjoni ***tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaġġi*** ("id-Direttiva") li tipprotegi partikolarment l-ispeci *Streptopelia turtur (gamiema)* fil-Parti B, tal-Anness II taghha, billi dik l-ispeci ma tistax titkacca fir-Rebbiegha;

4. Illi l-**Artikolu 7(1), tieni sentenza, tad-Direttiva** jimponi obbligu fuq l-iStati Membri li ma jhallux il-kacca ta' ghasafar migratorji fejn din il-kacca tfixkel l-isforzi tal-konservazzjoni fiz-zona tad-distribuzzjoni taghhom;

5. Illi l-**Artikolu 7(4), tielet subparagrafu, tad-Direttiva** jimponi obbligu **car**, **preciz** u **inkondizzjonali** fuq l-intimati sabiex ma jifthux il-kacca fir-rebbiegha fuq l-i*Streptopelia turtur*, billi jipprovdi s-segwenti:

> *"Fil-każ tal-ispeċi migratorji, [l-iStati membri] għandhom jaraw partikolarment li l-ispeċi li r-regolamenti tal-kaċċa japplika għalihom ma humiex suġġetti għall-kaċċa* ***waqt il-perjodu tar-riproduzzjoni tagħhom*** *jew waqt il-perjodu tar-ritorn tagħhom għall-postijiet tat-trobbija."*

6. Illi **l-Artikolu 7(4), tielet subparagrafu, tad-Direttiva** għandu **effett dirett vertikali** u jista' jiġi eżegwit mill-Qrati Maltin kontra l-iStat Malti (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-4 ta' Dicembru 1974, ***Van Duyn v Home Office***, C-41/74, Gabra p.I-1337);

7. Illi d-Direttiva tippermetti deroga ghar-regola fuq imsemmija fl-Artikolu 9 taghha, izda dan jista' isir biss taht kundizzjonijiet stretti u biss fejn l-istatut tal-konservazzjoni tal-ispeci imkacca tkun *favorevoli*;

8. Illi d-Direttiva tinstab attwalment trasposta fl-ordni guridiku Malti tramite r-regolamenti 5 u 9 tal-Legislazzjoni sussidjarja 549.42, **Regolamenti Dwar Il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi**. Dan igib bhala konsegwenza li kawza ghal stharrig gudizzjarju tal-Avviz Legali 116 tal-2022 abbazi ta' inkompatibilità mad-dispozizzjonijiet tal-L.S. 549.42 m'hijiex proponibbli ghaliex iz-zewg strumenti legali jinstabu fl-istess livell tal-gerarkija tan-normi (fi kliem iehor, ir-rikorrenti qed jilmentaw mill-fatt li bit-traspozizzjoni attwali tad-Direttiva huma ma jistghux jitolbu l-istharrig gudizzjarju ta-Avviz Legali (116 ta' 2022) abbazi ta' inkompatibilità ma' Avviz Legali iehor (79 ta' 2006) ghaliex id-dritt Malti ma jirrikonoxxix tali azzjoni);

9. Illi ghar-ragunijiet li ghadhom kif gew esposti, qieghed ghalhekk jigi invokat l-effett dirett tad-Direttiva;

10. Illi, b'iktar mod preciz, **l-elementi materjali** li jridu jissussistu sabiex tista' tigi applikata deroga taht l-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva ghall-kacca fir-rebbiegha huma, b'mod kumulattiv:

    a. li l-ghasfur kaccat irid ikun elenkat, *inter alia*, fl-Anness II tad-Direttiva;
    b. li ma hemm ebda soluzzjoni ohra sodisfacenti milli li tigi applikata d-deroga;
    c. li l-kacca trid tikkosstitwixxi dak li d-Direttiva issejjah uzu b'mod ghaqli (il-kriterju tal-"*judicious use"*);
    d. li l-kacca issir fuq bazi selettiva;

e. li l-kacca tigi sorveljata taht kundizzjonijiet stretti; u
f. li l-kacca ssir fuq numru zghir ta' ghasafar;

11. Illi fis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2006, ***WWF Italia et***, C-60/05, Ġabra p. I-5083, §32, il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea iddecidiet li derogi taht l-Artikolu 9 tad-Direttiva "*jistghu jigu implementati biss jekk jigi ggarantit li l-popolazzjoni tal-ispeci kkoncernati ser tinzamm f'livell sodisfacenti u li, fin-nuqqas ta' din il-garanzija, il-kacca tal-ghasafar ma tistax, fi kwalunkwe kaz, titqies li hija ragonevoli u, ghaldaqstant, li hija sfruttament ammissibbli, fis-sens tal-hdax-il premessa tad-Direttiva*" [*sic: "tal-ghaxar premessa*" wara l-emendi introdotti fid-Direttiva iktar recenti tal-2009]. Il-Qorti tal-Gustizzja irreferiet ghall-*arrêt de principe* tas-16 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet ***Ligue pour la protection des Oiseaux et autres***, C-182/02, Gabra p. I-12105, §17;

12. Illi l-popolazzjoni tal-i*Streptopelia turtur* ma tinstabx attwalment f'"livell sodisfacenti" tant li l-istatut taghha qieghed jinbidel ghall-aghar u hija issa klassifikata bhala "Vulnerabbli" mill-*International Union for Conservation of Nature* (**Dok. BLM1**). F'dak il-kaz, kull forma ta' kacca fir-Rebbiegha fuq din l-ispeci trid tkun projbita kullimkien fl-Unjoni Ewropea, kif rilevat mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fis-sentenza tat-23 ta' April 2020, ***Kummissjoni Ewropea v Ir-Repubblika tal-Finlandja***, ECLI:EU:C:2020:291:

> *"§69: ...it is appropriate to examine whether the population of the species concerned is maintained at a 'satisfactory level',* ***failing which****, as recalled in the case-law mentioned in the preceding paragraph, the other conditions under Article 9(1) of the Birds Directive, in particular that relating to 'judicious use', cannot be fulfilled."*

13. Illi, tenut kont tal-*unfavourable conservation status* tal-*iStreptopelia turtur*, kull uzu mill-intimati tad-deroga taht l-artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva hija illegali;

14. Illi jinghad li fi Frar tal-2022, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi ("rapport WBRU") harget rapport dwar l-istatus tal-*iStreptopelia turtur* (gamiema) li jghid: "*The breeding population trend in the EU28 is decreasing in both the short-term and the long-term*" (p. 28) u li "*This species is listed as Vulnerable at the European and global levels and Near Threatened within the territory of the European Union (BirdLife International, 2015a: 41). A ten-year (2018–2028) international single species action plan is in place to restore the European Turtle-dove to a favourable population status so that it can be safely removed from the Globally Threatened categories of the IUCN Red List.*" (p.49) (**Dok. BLM2**);

15. Illi l-istess rapport WBRU jinnota li l-popolazzjoni tal-gamiema qed tonqos minhabba kacca mhux sostenibbli (pp. 28-29), li l-*International Species Actions Plan* jidentifika il-kacca fir-Rebbiegha bhala theddida magguri (p. 31), u r-rapport mkien ma jghid li l-

*favourable status* jista' jintlahaq anki jekk il-kacca fir-Rebbiegha tinfetah (**Dok. BLM2**);

16. Illi minkejja li dan ir-rapport tal-WBRU gie ipprezentat lill-Kumitat Ornis fil-laqgha tas-16 ta' Marzu 2022, huwa xorta iddecieda jirrakkomanda l-ftuh tal-istagun tal-kacca fir-Rebbiegha ghaxart ijiem biss qabel l-ahhar elezzjoni generali fil-pajjiz, u dan wara li l-Kumitat innota li l-popolazzjoni tal-*iStreptopelia turtur* m'hijiex sejra ghall-ahjar (**Dok. BLM3**, taht s-sezzjonijiet 5 u 7).

17. Illi, *inoltre*, fit-18 ta' Marzu 2022 l-*EU Task Force on the Recovery of Birds* organizzat laqgha, (li fiha kienu prezenti rapprezentanti tal-Awtorità ghall-Ambjent u r-Rizorsi u tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi), fejn gie ipprezentat rapport pubbliku ta' esperti nominati mill-Kummissjoni Ewropea. Fih jinghad li tenut kont tal-istatus attwali tal-i*Streptopelia turtur* ghandu jigi addottat *"a zero harvest stance"* kemm matul ir-Rebbiegha kif ukoll il-Harifa tas-sena 2022: "***The zero-harvest decision adopted in 2021 should be maintained in 2022, because <u>neither of the three conditions</u> for lifting the moratorium are yet being met.***" (p. 3 taht "Recommendations for 2022") (**Dok. BLM4**);

18. Illi fil-25 ta' Marzu 2022, il-Ministru tal-Ambjent, flimkien mal-Ministru t'Ghawdex, abbuzivament abrogaw *l-moratorium* fuq il-kacca tal-iStreptopelia turtur fir-rebbiegha in vjolazzjoni totali tal-obbligi taghhom taht id-dritt Ewropew li jipprotegu l-ispeci waqt li din qieghda tbati minn status vulnerabbli (**Dok. BLM5** – Avviz N° 337 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta 20.815). Sabiex jinghata iktar kuntest, jinghad li l-**Avviz N° 538 tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta tas-27 ta' Mejju 2016** kien instawra *l-moratorium* precizament sabiex Malta tonora l-obbligi taghha taht id-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u dan wara li l-IUCN ikklassifikat l-ispeci tal-gamiema fir-*Red List* taghha fl-1 ta' Ottubru 2015 (**Dok. BLM6 - <u>https://www.iucnredlist.org/species/22690419/82781167</u>**);

19. Illi mill-1 ta' Ottubru 2015 sal-lum il-gurnata, ma kien hemm ebda bdil fic-cirkustanzi li jimmerita l-abrogazzjoni tal-*moratorium* u l-applikazzjoni ta' deroga ghall-kacca fir-rebbiegha, peress l-istatus internazzjonali tal-gamiema ma nbidel xejn;

20. Illi, inoltre, huwa ghal kollox inkoerenti u irragonevoli li l-iStat Malti jawtorizza l-kacca fir-Rebbiegha fuq l-ispeci in dizamina meta hemm *"International Species Action Plan"* li l-oggettiv tieghu huwa, "to <u>restore</u> the European turtle-dove to a favourable population status so it can be safely removed from the threatened categories of the IUCN Red List" (**Dok. BLM7**, p. 58).

21. Illi fil-laqgha tal-5 u s-6 ta' April 2022 tan-*Nature Directives Sub-Expert Group (NADEG)* (<u>tlett gimghat wara l-vot tal-Kumitat Ornis li jirrakkomanda l-ftuh tal-istagun ghas-sena 2022</u>) ir-rapprezentant Malti fi hdan dak il-grupp ta' esperti heba d-decizjoni li tinfetah il-kacca fir-rebbiegha mill-grupp billi huwa qal, "that no decision had been

made and the possible derogation was being discussed in the Ornis Committee." Ic-Chairman tal-grupp ta' esperti irrisponda, "The chair urged Malta not to adopt a spring hunting derogation, as this would go in the opposite direction than the conservation actions discussed in the TF [sic: Task Force] meeting" (**Dok. BLM8**, p. 8). Fl-istess laqgha tan-*NADEG* giet addottata r-rakkomandazzjoni li gejja ghas-sena 2022 fuq il-*western flyway*: "Zero-harvest to be maintained in 2022, because conditions for lifting moratorium not being met" (**Dok. BLM9**, slide 4);

22. Illi l-esponenti jilmentaw ukoll li l-ftuh tal-istagun tal-kacca fir-rebbiegha fuq l-i*Streptopelia turtur* jikser principju generali tad-dritt tal-Unjoni, ossia **l-principju ta' prekawzjoni**;

23. Illi fuq dan il-principju, il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea irrilevat li meta speci ta' ghasfur jaqa f'*unfavourable conservation status*, l-awtorizzazzjoni ta' deroga tista' issir biss eccezzjonalment u li tali deroga trid tigi evalwata fid-dawl tal-principju ta' prekawzjoni (ara §§83-84 tas-sentenza ***Kummissjoni Ewropea v Ir-Repubblika tal-Finlandja,*** fuq citata);

24. Illi l-principju ta' prekawzjoni huwa principju generali tad-dritt u bhala tali huwa sors primarju tad-dritt Ewropew li huwa **direttament applikabbli fl-ordni guridiku intern** (***Pfizer Animal Health SA v Council of the European Union***, sentenza tat-Tribunal tal-11 ta' Settembru 2002, T-13/99 §§114-115);

25. Illi fil-ligi Maltija insibu dan il-principju fir-raba' paragrafu tal-Anness I tal-**Legislazzjoni Sussidjarja 549.57, ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tigi Permessa Deroga li Tiftah l-iStagun ghall-Kacca tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegha**, li jipprovdi li n-numru massimu kaccabbli ta' gamiem ghandu jigi iffissat skont l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeci u z-zamma tal-popolazzjoni tal-ispeci fuq livell sodisfacenti;

26. Illi fil-pagna 24 tal-***Guide to Sustainable Hunting under the Birds Directive (2008)*** tal-Kummissjoni Ewropea, il-*Kumitat tal-Parlament Ewropew fuq l-Ambjent, is-Sahha Pubblika u l-Protezzjoni tal-Konsumatur* wera li: "*Where a species is declining,* ***hunting cannot by definition be sustainable unless it forms part of a properly running management plan that also involves habitat conservation*** *and other measures that will slow and* ***ultimately reverse the decline****.*" (**Dok. BLM10**);

27. Illi jinkombi fuq l-intimati li juru illi addottaw "*a properly running management plan*" li bis-sahha tieghu l-popolazzjoni tal-i*Streptopelia turtur* se terga tiggwadanja *l-favourable conservation status* li darba kellha, minkejja li qed tigi ikkaccata fir-Rebbiegha;

28. Illi f'dan il-kuntest huwa car li Malta lanqas addottat *management plan* ta' kif se tigi ripristinata l-popolazzjoni tal-i*Streptopelia turtur* fir-regjun, u jinghad ukoll li r-rapport WBRU (**Dok. BLM2**) pprezentat lill-Kumitat Ornis fil-laqgha tas-16 ta' Marzu 2022 imkien ma jghid li l-popolazzjoni tal-*iStreptopelia turtur* qeghda tmur ghall-ahjar;

29. Illi ghalhekk, kont tenut tal-istat ta' konservazzjoni u z-zamma tal-popolazzjoni tal-ispeci f'livell sodisfacenti, il-kacca fir-rebbiegha f'Malta fuq l-ispeci *Streptopelia turtur* qatt ma kellha tinfetah, ghaliex insostenibbli u b'hekk kontra l-**7(4), tielet subparagrafu,** tad-***Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaġġi***;

30. Illi l-kacca fir-rebbiegha fuq l-i*Streptopelia turtur* lanqas m'ghandha tinfetah fil-futur qabel mal-popolazzjoni tmur ghall-ahjar u dik l-ispeci tinhareg mill-*IUCN Red List*;

31. Illi l-esponenti qeghdin jattakkaw ukoll n-nuqqas ta' osservanza tal-**elementi formali** tad-deroga kontenuta fl-Avviz Legali 116 tal-2022. Skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva, wiehed mill-elementi formali li jridu jissussistu sabiex tista' tigi applikata deroga huwa li d-deroga tikkontjeni "*a clear and sufficient statement of reasons concerning the condition of the absence of another satisfactory solution laid down in Article 9 of Directive 2009/147*", kif mixtieq mill-Qorti tal-Gustizzja (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-21 ta' Gunju 2018, *Kummissjoni v Repubblika ta' Malta*, C-557/15, ECLI:EU:C:2018:477, §§47 sa 51). Fil-fatt, l-Avviz Legali 116 tal-2022 jaghmel referenza biss ghal-laqgha tal-Kumitat Ornis tas-16 ta' Marzu 2022 fejn gie intavolat ir-rapport WBRU (**DOK. BLM2**). Dak ir-rapport, fis-sezzjoni 3.3 tieghu, jghid biss li l-popolazzjoni tal-gamiema qed tonqos b'mod stabbli izda b'rata inqas minn meta komparat mal-"previous reporting cycle". Imkien ma gie spjegat kif l-elementi materjali tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva gew sodisfatti ghas-sena 2022. L-Avviz Legali 116 tal-2022 lanqas ma jindika b'mod car ghaliex "l-istagun tal-kacca matul il-Harifa ta' qabel" giet kunsidrata bhala li ma tikkostitwiex soluzzjoni sodisfacenti (ara regolament 3, paragrafu 2, tal-Avviz Legali 221 tal-2010, *Regolamenti dwar qafas biex tigi permessa deroga li tiftah l-istagun ghall-kacca tal-gamiem u summien fir-rebbiegha, L.S. 549.57)*;

32. Illi, finalment, l-esponenti tixtieq tilqa' ghal kwalunkwe argument maghmul mill-intimati (digà propost fil-kuntest ta' proceduri ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni) illi huma m'ghandhom ebda dritt isaqsu ghall-istharrig ta' deroga tal-Ministru ghall-ambjent, jew addirittura li tali deroga hija insindakabbli mill-qrati Maltin u hija affari maghluqa ta' bejn Malta u l-Kummissjoni Ewropea;

33. Illi fuq dan il-punt, il-Qorti tal-Gustizzja digà kellha l-opportunita' li tippronuncja ruhha u qalet li l-oggettivi tad-Direttiva iridu jkunu mharsa tramite mekkannizmu effettiv ta' supervizjoni adoperat mit-tribunali independenti tal-iStati Membri. Fil-kaz ***WWF Italia*** *(sucitat),* assocjazzjoni ghall-protezzjoni tal-ambjent talbet it-TAR di Lombardia sabiex tannulla awtorizzazzjoni regjonali li applikat deroga taht l-Artikolu 9 tad-Direttiva. It-TAR di Lombardia kienet tal-opinjoni li "on account of the length of the procedure it entails, the system for verifying the compatibility of regional measures with national and Community rules does not fulfil the requirement of celerity associated with the need to avoid unlawful hunting during the brief period (about 40 days) in which the derogation applies";

34. Illi ghalhekk inqalghet domanda (ir-raba' wahda fis-sentenza) fuq x'tip ta' proceduri irid jikkrea Stat membru, bhal ma hija Malta, sabiex jigi ggarantit li l-kriterji fl-Artikou 9 tad-Direttiva qed ikunu sodisfatti mill-branka ezekuttiva tal-pajjiz. L-Avukat Generali GEELHOED ikkritika l-*mode of supervision* tas-sistema taljana fuq id-Direttiva ghasafar: "The procedure outlined...falls short of effective supervision of compliance with the Directive beacuse the fixed periods involved mean that regional decisions inconsistent with the Directive and the national implementing legislation cannot be annulled in time" (paragrapfu 62, punt b, tal-konkluzjonijiet tieghu);

35. Illi l-Qorti tal-Gustizzja qablet:

> *"§44: It follows that the relevant national procedural framework applicable must guarantee not only that the lawfulness of decisions granting authorisations derogating from the system of protection laid down by the Directive may be verified in a timely manner but also that the conditions attached to those decisions are complied with...*
>
> *§45: ...a control mechanism under which annulment of a decision authorising a hunting derogation adopted in breach of Article 9 of the Directive or declaration of a breach of the conditions attached to a decision authorising such hunting would take effect only on the expiry of the period laid down for carrying out that hunting would render redundant the system of protection established by the Directive";*

36. Illi minn dan l-insenjament isegwi li Malta mhux biss trid tippermetti l-istharrig gudizzjarju tal-legalità ta' derogi adottati fuq il-bazi tal-Artikolu 9 tad-Direttiva, izda li dan l-istharrig irid isir b'mod tant spedit li tinghata decizjoni finali fuq il-legalità tad-deroga *qabel ma jinfetah l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha,* u mhux wara, meta jkunu inqatlu l-ghasafar tal-ispeci ikkaccata;

37. Illi fl-istat attwali tad-dritt pozittiv Malti, ma tezistix procedura specjali ghall-istharrig gudizzjarju ta' derogi tal-Ministru ghall-ambjent ghall-ftuh tal-kacca fir-rebbiegha;

38. L-esponenti ghalhekk jitolbu l-Qorti tuza l-poter generali taghha in virtù tal-artikolu 32(2) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili sabiex taghti rimedju li jipprotegi s-sistema ta' protezzjoni instawrata mid-***Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi***, u jekk hemm bżonn billi hi tingħata effett dirett shih (ara f'dan is-sens is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet ***Liquigas Malta Limited v Ir-Regolatur ghas-servizzi tal-energija u l-ilma et.***, Rik. Nru. 1158/16/1, à paragrafu 22);

39. Illi, minkejja id-dispozizzjonijiet tal-ligi tal-Unjoni Ewropea hawn fuq iccitati, kif ukoll il-protest gudizzjarju pprezentat fis-6 ta' Settembru 2022, l-intimati ghogobhom jghaddu l-Avviz Legali 116 tas-sena 2022 li fetah l-istagun ghall-kacca fir-Rebbiegha ghas-sena 2022 fuq l-ispeci t'ghasfur *Streptopelia turtur* u qed jonqsu milli jiggarantixxu li l-kacca fir-rebbiegha fuq dik l-ispeci ma tergax tinfetah sakemm hija tibqa' fi stat ta' konservazzjoni vulnerabbli (**Dok. BLM11**);

40. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bil-promulgazzjoni tal-Avviz Legali 116 tal-2022, imsejjah *Regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-ghasafar selvaggi (dikjarazzjoni dwar deroga ghal stagun tal-kacca fir-rebbiegha tal-2022 ghall-gamiem u s-summien)*, l-intimati, jew min minnhom, kissru l-obbligu taghhom taht l-Artikolu 7(4), tielet subparagrafu, *tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi,* safejn dak l-Avviz Legali jiftah l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha fuq l-ispeci *Streptopelia turtur (gamiema)* ghas-sena 2022, *stante li* dak l-Avviz Legali ma jissodisfax il-kriterji ghall-deroga misjuba fl-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Avviz Legali 116 tal-2022, safejn jiftah l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha tas-sena 2022 fuq l-*iStreptopelia turtur*, huwa illegali ghaliex inkompatibbli mal-ligi tal-Unjoni Ewropea, ossia d-*Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi*, kif ukoll il-principju generali tad-dritt Ewropew imsejjah principju ta' prekawzjoni;

3. Thassar bhala null l-Avviz Legali 116 tal-2022 safejn huwa jirrigwarda l-ftuh tal-kacca fir-rebbiegha fuq il-gamiem;

4. Tordna lill-intimati, jew min minnhom, ma jifthux l-istagun tal-kacca fir-rebbiegha fuq l-ispeci *Streptopelia turtur* abbazi tal-Artikolu 9(1)(c) *tad-Direttiva 2009/147/EC tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi*, sakemm l-istatut ta' konservazzjoni tal-istess speci tibqa' fi stat 'mhux favorevoli (unfavourable)', kif filfatt hu;

Bl-ispejjez inkluz dak tal-protest gudizzjarju tas-6 ta' Settembru 2022.

**Avv. Mark Soler** **Avv. Claire Bonello**

52, Triq is-Swieqi,
Is-Swieqi

**P.L. Gerald Bonello**